IEQAF U AĦSEB

## BIEX IKOLLNA MILIED BIS-SENS!




**Ejjew nagħrfu li:**

***Beda fil-qalb ta' Alla.***
***Imma jkun sħiħ***
***biss meta jilħaq***
***il-qalb tal-bniedem.***

***Huwa l-Ħniena***
***li rċevejna fil-Passat.***
***Huwa l-Kuraġġ***
***tal-Preżent.***
***Huwa t-Tama***
***għall-Futur.***

***Aktar milli***
***nfakkruh***
***u nosservawh,***
***Alla jistedinna***
***ngħixuh.***

***Ma nistgħux***
***ingawdu l-Milied***
***ta' veru sakemm***
***ma ndurux lejn***
***Alla l-Missier***
***u ngħidulu***
***li rċevejna***
***r-rigal tiegħu.***

***Huwa ż-żmien***
***fejn inqabbdu***
***n-nar tal-ospitalità***
***fid-djar,***
***u***
***l-fjamma***
***tal-karità***
***fil-qalb.***



# PARROĊĊA TA' ĦAL SAFI
# KONVERŻJONI TA' SAN PAWL
**Tel: 21 649 223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## *MARANATHA*: EJJA MULEJ ĠESÙ

Ġieli smajtu bil-kelma '*Maranatha*'? Le, din mhijiex kelma li ġiet ivvintata issa, u lanqas hi xi kelma ta' xi kultura Afrikana, Latin Amerikana jew tal-Lvant imbiegħed. Iżda din il-kelma propjament hija bl-Aramajk, bil-lingwa li Ġesù stess kien jitkellem. Biss kienet tintuża fil-Grieg, tant li l-Ktieb tal-Apokalissi nistgħu ngħidu li jispiċċa biha u tesprimi l-invokazzjoni: *Ejja Mulej Ġesù* (Apok. 22:20). U mhemmx aħjar minn dan ix-xahar biex inħallu din il-kelma-invokazzjoni tkun l-ispunt għar-riflessjoni, kif ukoll it-talba prinċipali tagħna.

***L-Avvent***
***- Nistennew billi nishru bit-Tama***

Minkejja li aktar ma jmur ix-xahar ta' Diċembru aktar qed isir sinonimu mal-Milied f'dak li hu xiri, rigali, ikliet, safar, ġbir, divertiment, eċċ. ejjew nirrealizzaw li bħala nsara, aħna għandna s-sejħa aktar qawwija x'ngħixu matul dan iż-żmien tal-Avvent: li nistennew lill-Mulej Ġesù sa' ma' jiġi bid-dieher fil-glorja u l-kobor tiegħu. Hekk kif jiktbilna San Bernard, f'din il-miġja *"l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna, u għad iħarsu lejn min nifdu."* Hija miġja pjuttost misterjuża li mhux biss tistedinna nistennewha, imma li, kif Ġesù stess iwissina, jeħtieġ li nishru u nkunu lesti għaliha, għax qatt ma nistgħu nobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem. Nistgħu nistennew l-ħin jgħaddi magħluqin biss fil-ħsibijiet u t-thewdin li flok jgħinuna ngħixu, aktar igerfxuna, iħawduna u jfarrkuna. Imma l-Avvent m'għandux ikun din l-istennija li tinnervjana. L-Avvent għandu jkun stennija attiva, u għalhekk sahra - ħidma kontinwa - fejn fir-riskji li nieħdu jinkixfu l-karatteristiċi kemm sbieħ u kemm koroh tagħna, u b'xewqa mħeġġa u tama sħiħa nħallu lil Alla jħobbna bla riservi biex iġeddidilna ħajjitna kompletament. L-imħabba vera hija ħajja, tagħti l-ħajja, twessa' l-limiti tagħna, titrasformana, issalvana. Mhux ta' b'xejn li għalhekk għandna nitolbu bil-qalb: *"Ejja Mulej Ġesù."*

***Il-Milied***
***- Niftakru u niċċelebraw***
***billi f'Ġesù nitgħallmu***
***nitwieldu bħala Wlied Alla***

Iżda waqt li nistennew u nishru, ejjew niftakru u niċċelebraw bis-sħiħ l-ewwel miġja tiegħu, meta ġie fil-ġisem bħala bniedem dgħajjef:



*"fl-ewwel miġja deher fid-dinja u għex mal-bnedmin, meta l-bnedmin rawh u bagħduh, kif jgħidilna huwa stess."* Iżda għalkemm ħafna drabi nitkellmu mill-imħabba ta' Alla bħala mħabba perfetta, ejjew nintebħu li din l-imħabba tant fraġli taf tiskomodana sewwa wkoll. Minkejja li ma naraw l-ebda impożizzjoni fuqna li jġiegħelna noqgħodu għalih bil-fors, Kristu, bħala wieħed li għandu s-setgħa, jixħet ħarstu fuqna u bil-ħlewwa ta' imħabbtu jmissilna ħajjitna: mis-sebgħa mhux biss jieħu l-id, imma jieħu l-persuna kollha kemm hi. Tassew nistgħu naraw fih l-Imħabba profonda li fl-istess waqt iddewwaqna d-Divin. Għalhekk il-Milied mhuwiex li nistennew it-twelid ta' Bambin ħelu ieħor għax dak ġara darba u għal dejjem madwar elfejn sena ilu, meta hu twieled u sar bniedem bħalna. Imma żmien il-Milied huwa wkoll dwar li nitolbu: *"Ejja Mulej Ġesù"* ħalli jgħinna nitwieldu bħalu, bħala wlied Alla: li ngħaddu mill-uġiegħ tat-tqala u l-ħlas - billi nħallu warajna il-bnidem il-qadim - u nsiru ħolqien ġdid fl-Imħabba: wlied Alla tassew.

***Il-Kelma u l-Ewkaristija -***
***It-triq tal-mistrieħ u l-faraġ li twassal mill-ewwel għat-tieni miġja***

San Bernard ma jieqafx fuq żewġ miġjiet ta' Sidna Ġesù, imma jgħinna nirriflettu wkoll fuq it-tielet miġja ta' Kristu, u jgħidilna li waqt li l-ewwel żewġ miġjiet huma bid-dieher, din *"li hija bejn it-tnejn l-oħra, issir fil-moħbi: fiha jiġi bl-ispirtu u l-qawwa tiegħu, u permezz tagħha l-magħżulin biss jarawh fihom infushom, u jaqilgħu s-salvazzjoni ta' ruħhom."* U bil-kitba tiegħu dan il-qaddis, ikompli jurina li kien Ġesù stess li tkellem dwar din il-miġja: *"Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu"* (Ġw. 14:24).

Dan il-ħarsien tal-kelma jseħħ fil-qalb, *"għax kif qal il-Profeta: 'F'qalbi għożżejt kelmtek, biex ma nidnibx kontrik.' Hekk għandek tħarisha l-kelma ta' Alla. ... Ilqagħha mela fil-qiegħ ta' ruħek; uriha fil-ġibdiet u l-imġieba tiegħek. Kul it-tajjeb, u ruħek titpaxxa b'ikel bnin. Tinsiex tiekol il-ħobż tiegħek, biex qalbek ma tinxiflikx, ħalli jkollok ruħek mimlija b'ikel li jsemmen. Jekk il-kelma ta' Alla tħarisha b'dan il-mod, hi wkoll tħares lilek. Għax għandek jiġi l-Iben mal-Missier, jiġik il-Profeta l-kbir,*
*dak li jġedded lil Ġerusalemm,*
*u hu jġeddidlek kollox."*



Jalla għalhekk, waqt li tul dan ix-xahar intennu: *"Ejja Mulej Ġesù"* u niftakru fil-veritajiet ta' dawn it-tlett miġjiet, bħal Sidtna Marija inkomplu nixxenqu għal Kristu u bħalhom naslu li nkomplu ningħataw b'rigal ta' mħabba u faraġ lil tant persuni li niltaqgħu magħhom!

***Dun David Farrugia***
***- Kappillan***



***Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija***
Zach Micallef

---- o ----



***Daħlu fil-Ħajja ta' Dejjem***
Michelina Zammit
Nicolina Scerri
Veneranda Cutajar

***Nitolbu għalihom!***





# ID-DJARJU TAL-PARROĊĊA
# Ħal Safi - Diċembru 2019

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' Diċembru | **L-Ewwel Ħadd tal-Avvent**<br>Fid-9:00am - Quddiesa li fiha jsir it-Tberik tal-Girlanda li ser tgħinna biex nippreparaw ruħna għall-Miġja ta' Ġesù. |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa u fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' Diċembru | **It-Tieni Ħadd tal-Avvent** |
| It-Tnejn 9 ta' Diċembru | **Solennità trasferita tal-Immakulata Kunċizzjoni** |
| Il-Ħadd 15 ta' Diċembru | **It-Tielet Ħadd tal-Avvent**<br>**- Tibda n-Novena tal-Milied**<br>Matul in-Novena, r-Rużarju jibda fis-6:00pm u wara jkollna ħsieb tan-novena u l-Barka Sagramentali.<br>*F'dawn il-jiem inqiegħdu xi qfief biex fihom niġbru affarijiet għal persuni fil-bżonn u istituti.* |
| Is-Sibt 21 ta' Diċembru | Fil-5:00pm - Qrar bi preparazzjoni għall-Milied. |
| Il-Ħadd 22 ta' Diċembru | **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**<br>Fid-9:00am - Il-Quddiesa tkun bit-tberik tal-Bambini.<br>*Inħeġġu lit-tfal kollha biex jiġu għal din il-quddiesa u jġibu xi Bambin magħhom.* |
| It-Tlieta 24 ta' Diċembru  | **Lejliet il-Milied**<br>Fil-5:00pm - Qrar<br>Fis-6:00pm - Tibda il-Purċissjoni tradizzjonali tal-Bambin organizzata mill-membri tal-MUSEUM.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa tal-Vġili tal-Milied.<br>Fil-11:00pm - Pageant, u Kant tal-Milied.<br>Fil-11:45pm - Purċissjoni bix-xbieha ta' **Ġesù Bambin** li titqiegħed fuq l-altar għall-qima tagħna, u Priedka tat-Tifel. |
| L-Erbgħa 25 ta' Diċembru | **Solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu**<br>F'12:00am - Quddiesa Solenni tal-Lejl tal-Milied<br>Filgħodu l-quddies ikun:- Fis-6:45am, fid-9:00am, u fl-10:30am<br>Filgħaxija l-quddiesa tkun:- Fil-5:30pm |
| Il-Ħadd 29 ta' Diċembru | **Festa tas-Sagra Familja**<br>Filgħodu l-quddies ikun:- Fis-6:45am, u fid-9:00am<br>Filgħaxija l-quddiesa tkun:- Fil-5:30pm |
| It-Tlieta 31 ta' Diċembru  | **L-Aħħar tas-Sena**<br>Fis-6:00pm - Rużarju<br>Fis-6:30pm - Quddiesa bis-sehem tal-Kor *'Sine Macula'* li fiha jitkanta l-innu ta' radd il-ħajr lil Alla, it-*Te Deum*, fl-għeluq ta' din is-sena ċivili, 2019. u tintemm bil-barka Sagramentali.<br>*Il-Ġabra tkun għad-Dar tal-Providenza.* |